Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10241 — Colony Capital/Liberty Global/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 205/06)

1. Fis-21 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Colony Capital, Inc. ("Colony Capital", l-Istati Uniti tal-Amerka);

— Liberty Global plc ("Liberty Global", ir-Renju Unit);

— Liberty Property HoldCo II S.à.r.l. (il-joint venture, "il-JV", il-Lussemburgu).

Colony Capital u Liberty jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV kollha kemm hi. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Colony Capital: il-ġestjoni ta' portafoll globali magħmul minn, fost l-oħrajn, investimenti fl-infrastruttura diġitali, inklużi torrijiet tal-makroċelloli, ċentri tad-*data*, networks taċ-ċelloli żgħar u networks tal-fibra ottika.

— Liberty Global: it-tħaddim ta' networks bil-cable li joffru servizzi ta' televiżjoni, broadband Internet, telefonija bil-vuċi b'linja fissa u servizzi ta' telekomunikazzjonijiet mobbli f'diversi Stati Membri tal-UE.

— il-JV: l-akkwist, l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' proprjetà immobbli teknika għall-forniment ta' servizzi ta' kolokazzjoni fir-Renju Unit u fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10241 — Colony Capital/Liberty Global/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË